

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## ta' l-Unjoni Ewropea

L 112

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 51

24 ta' April 2008

Werrej

I Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja

## REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 362/2008 ta' l-14 ta' April 2008 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jirrigwarda l-istatistika Komunitarja dwar l-introjt u l-kondizzjonijiet ta' l-għajxien (UE-SILC) fir-rigward tal-lista ta' l-2009 tal-fatturi varjabbli sekondarji mmirati relattivament għall-privazzjoni materjali <sup>(1)</sup> . . . . . 1**
- Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 363/2008 tat-23 ta' April 2008 li jstabilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix . . . . . 12
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 364/2008 tat-23 ta' April 2008 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 716/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-format tekniku għat-trażmissjoni ta' l-istatistika ta' l-affiljati barranin u d-derogi li jridu jingħataw l-Istati Membri. . . . . 14**
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 365/2008 tat-23 ta' April 2008 li jadotta l-programm ta' moduli *ad hoc*, li jkopri s-snin 2010, 2011 u 2012, għall-istħarriġ kampjun dwar il-forza tax-xogħol stipulat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 <sup>(1)</sup> . . . . . 22**

<sup>(1)</sup> Test b'relevanza għaż-ŻEE*(Ikompilati fil-paġna ta' wara)*

II Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja

DEĊIŻJONIJIET

**Kunsill**

2008/325/KE, Euratom:

- ★ Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' April 2008 dwar il-ħatra ta' membru Belġjan fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ..... 25

**Kummissjoni**

2008/326/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' April 2008 li taġġusta l-koeffiċjenti korrettivi applikabbli mill-1 ta' Frar 2007, l-1 ta' Marzu 2007, l-1 ta' April 2007, l-1 ta' Mejju 2007 u l-1 ta' Ġunju 2007 għar-rimunerazzjonijiet ta' l-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti b'kuntratt tal-Komunitajiet Ewropej li jservu f'pajjiżi terzi ..... 26

2008/327/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' April 2008 li tidderoga minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2006/923/KE dwar kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja għall-2006 u l-2007 biex ikopri n-nefqa mġarrba mill-Portugall bl-iskop li jiġġieled il-*Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner et Buhner) Nickle *et al.* (nematodu ta' l-injam ta' l-arżnu) (notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 1444) ..... 29

FTEHIM

**Kunsill**

- ★ Informazzjoni relatata mad-dħul fis-seħħ ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina rigward id-dazji ta' l-esportazzjoni ..... 31

---

Corrigendum

- ★ Rettifika għad-Direttiva tal-Kummissjoni 83/190/KEE tat-28 ta' Marzu 1983 dwar l-Addattamenti għall-progress tekniku tad-Direttiva tal-Kunsill 78/764/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar is-sedil tax-xufier tat-tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija (ĠU L 109, 26.4.1983; MT Edizzjoni Speċjali 2004 Kapitolu 13 Volum 007) ..... 32



## I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 362/2008

ta' l-14 ta' April 2008

**li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jirrigwarda l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kondizzjonijiet ta' l-għajxien (UE-SILC) fir-rigward tal-lista ta' l-2009 tal-fatturi varjabbli sekondarji mmirati relattivament għall-privazzjoni materjali**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

zentattiv ta' l-UE-SILC. Għas-sena 2009, għandha tiġi stabbilita l-lista tal-fatturi varjabbli sekondarji mmirati inkluża fil-modulu dwar il-privazzjoni materjali. Din għandha tkun akkumpanjata mid-dispożizzjoni tal-kodiċijiet u d-definizzjonijiet varjabbli.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 li jirrigwarda l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kondizzjonijiet ta' l-għajxien (UE-SILC) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2)(f) tiegħu,

- (3) Il-Kumitat tal-Programm Statistiku ma tax opinjoni favorevoli. F'dan il-każ, konformement mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 1177/2003, il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien, tippreżenta lill-Kunsill proposta dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu u għandha tinforma lill-Parlament Ewropew,

Billi:

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 stabbilixxa qafas komuni għall-produzzjoni sistematika ta' l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kondizzjonijiet ta' l-għajxien, li jinkorpora data rappreżentattiva u lonġitudinali, komparabbli u fil-ħin dwar l-introjtu u dwar il-livell u l-kompożizzjoni tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fil-livelli nazzjonali u ta' l-Unjoni Ewropea.

#### Artikolu 1

Il-lista ta' fatturi varjabbli sekondarji fil-mira, il-kodiċijiet varjabbli u d-definizzjonijiet għall-modulu ta' l-2009 dwar il-privazzjoni materjali li għandhom jiġu inklużi fil-komponent rappreżentattiv ta' l-istatistika Komunitarja dwar id-dħul u l-kondizzjonijiet ta' l-għajxien (UE-SILC), għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness.

- (2) Skond l-Artikolu 15(2)(f) tar-Regolament (KE) Nru 1177/2003, huma meħtieġa miżuri implimentattivi għal-lista ta' żoni u fatturi varjabbli sekondarji mmirati li għandhom jiġu inklużi kull sena fil-komponent rappre-

#### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU L 165, 3.7.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 14 ta' April 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

I. JARC

---

## ANNEX

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw l-unitajiet, il-metodi tal-ġbir ta' *data*, il-perijodi ta' referenza u d-definizzjonijiet li ġejjin.

**1. UNITAJIET**

Il-fatturi varjabbli fil-mira jirrelataw ma' tliet tipi differenti ta' unitajiet.

Il-fatturi varjabbli relatati mad-djar, l-ambjent, l-istress finanzjarju u l-prodotti li jservu għal tul ta' żmien (ħlief il-pussess tat-telefon ċellulari) huma mitluba fil-livell tal-membri fid-dar u jirrifere għall-membri kollha fid-dar b'mod ġenerali.

Għandha tingħata informazzjoni dwar il-pussess ta' telefon ċellulari, ħtiġijiet bażiċi, ħtiġijiet mhux sodisfatti kif ukoll attivitajiet ta' divertiment u soċjali fil-kategorija "oġġetti ta' l-adulti" għal kull membru attwali fid-dar jew, jekk applikabbli, għal dawk kollha magħżulin biex iwieġbu, li għandhom minn 16-il sena 'l fuq.

L-oġġetti tat-tfal jirrelataw mal-membri kollha fid-dar li għandhom inqas minn 16-il sena biex ikun hemm konformità mal-ġbir ta' *data* ddefinit fir-Regolament (KE) Nru 1177/2003.

Il-mistoqsijiet għandhom jitwieġbu minn min iwieġeb fid-dar għall-grupp kollu ta' tfal taħt is-16-il sena. Jekk mill-inqas wild wieħed ma jkollux l-oġġett konċernat, jitqies li l-grupp kollu ta' tfal fid-dar ma għandux dak l-oġġett.

**2. METODI TA' ĠBIR TA' DATA**

Għal fatturi varjabbli mitluba fil-livell tal-membri fid-dar (taqsima 1 fil-lista hawn taħt), il-metodu ta' ġbir ta' *data* hu intervista personali mal-membri fid-dar li jwieġeb.

Għal fatturi varjabbli mitluba flivell individwali (taqsima 2 fil-lista hawn taħt), il-metodu ta' ġbir ta' *data* hu intervista personali mal-membri attwali fid-dar li għandhom 16-il sena u iżjed jew, jekk applikabbli, ma' kull wieħed magħżul biex iwieġeb.

Għal fatturi varjabbli tat-tfal (it-taqsima 3 fil-lista hawn taħt), il-metodu ta' ġbir ta' *data* hu intervista personali mal-membri fid-dar li jwieġeb.

Minħabba l-karatteristiċi ta' l-informazzjoni li għandha tinġabar, huma permessi intervisti personali biss (intervisti bil-prokura jkunu eċċezzjoni għall-persuni li jkunu nieqsa temporanjament jew ikunu inkapaċitati).

**3. PERIJODI TA' REFERENZA**

Il-perijodu ta' referenza għall-fatturi varjabbli kollha fil-mira hi s-sitwazzjoni attwali, ħlief għal żewġ fatturi varjabbli f'każ li l-membri fid-dar jkunu mistennija jibdlu d-dar, fejn ir-referenza ssir għas-sitt xhur li jkun imiss, u l-fatturi varjabbli dwar il-ħtiġijiet mhux sodisfatti u dwar visti għand tobbja ġenerali u speċjalisti, li jirrifere għall-aħħar tnax-il xahar.

**4. DEFINIZZJONIJIET****(1) Oġġetti tad-dar**

(a) Bidla tad-dar:

- il-perijodu ta' referenza huwa "s-sitt xhur li jkun imiss". Jekk l-abitanti tad-dar ikollhom il-ħsieb li jbiddu darhom għal diversi raġunijiet matul il-perijodu ta' referenza, għandha tingħata r-raġuni prinċipali.
- żgumbrament/sekwestru: mgieġhlin jitolqu għal raġunijiet legali.
- diffikultajiet finanzjarji: problemi biex titħallas il-keru/l-ipoteka.

- raġunijiet relatati mal-familja: bidla fl-istatus maritali/ta' sħubija, biex tistabbilixxi dar proprja, biex issegwi l-imsieħeb/imsieħba/ġenituri, biex tikseb faċilitajiet ta' skola jew ta' kura aħjar għat-tfal jew għal dipendenti oħrajn.
- raġunijiet relatati ma' l-impjeg: bidu ta' xogħol ġdid jew trasferiment ta' xogħol eżistenti, biex tfittex xogħol jew għax spiċċajt bla xogħol, biex tkun eqreb għax-xogħol/ikun aktar faċli li tivvjaġġa, irtirar.
- raġunijiet oħrajn: raġunijiet relatati mad-dar (xewqa li tibdel l-akkomodazzjoni jew l-istatus tal-pussess tad-dar, tkun trid dar/appartament ġdid jew aħjar, tkun qed tfittex żona abitabbli aħjar/b'inqas kriminalità), raġunijiet relatati ma' l-istudji (tkun qed tattendi jew tħalli l-kulleġġ/l-università), raġunijiet ta' saħħa u oħrajn.

(b) Nuqqas ta' spazju: il-fattur varjabbli jirrifere għall-opinjoni/perċezzjoni ta' min iwieġeb dwar in-nuqqas ta' spazju fid-dar.

## (2) Oġġetti ambjentali

(a) Aċċessibilità: din hija relatata mas-servizzi użati mill-membri fid-dar fir-rigward tal-kondizzjonijiet finanzjarji, fiżiċi, tekniċi u tas-saħħa. L-aċċessibilità tas-servizzi għandha tkun ivvalutata f'termini ta' aċċess fiżiku u tekniku, u s-siġhat tal-ftuħ, iżda mhux f'termini ta' kwalità, prezz u aspetti simili. Konsegwentement, l-aċċess għandu jirrifere għal realtà oġġettiva u fiżika. M'għandux ikun ibbażat fuq sentiment suġġettiv.

L-aċċess għandu jiġi determinat f'relazzjoni mas-servizzi użati verament mill-membri fid-dar. L-aċċess fiżiku għandu jiġi vvalutat f'termini ta' distanza iżda wkoll ta' infrastruttura u tagħmir per eżempju għal dawk li jwieġbu u jkollhom diżabbiltà fiżika.

Is-servizzi pprovduti d-dar għandhom jiġu kkunsidrati wkoll, jekk dawn jintużaw verament fid-dar. L-aċċessibilità għandha tiġi evalwata irrispettivament mill-mod(i) li bih(om) il-membri fid-dar jużaw is-servizz.

Min iwieġeb għandu jaqti tweġiba għall-membri fid-dar b'mod ġenerali. Jekk dak li jwieġeb ma jużax servizz iżda membru/i ieħor/oħra fid-dar jużawh, huwa għandu jivvaluta l-aċċessibilità skond dan/dawn il-membri/i l-oħrajn fid-dar.

(b) Trasport pubbliku: xarabank, metro, tramm u trasport simili.

(c) Servizzi postali jew bankarji: biex tibgħat u tirċievi posta ordinarja u ta' pakketti, tiġbed flus, titrasferixxi flus u tħallas kontijiet. Jista' jiġi kunsidrat ukoll l-aċċess tekniku. L-aċċessibilità f'termini ta' servizzi bankarji bit-telefon u bil-kompjuter għandha tkun ukoll parti mill-valutazzjoni, jekk dawn il-metodi jintużaw verament mill-membri fid-dar. L-aċċessibilità għandha tiġi evalwata skond il-faċilità/id-diffikultà tat-trasferiment u l-għid ta' flus, kemm jekk dan isir bis-servizzi bankarji bit-telefon u bil-kompjuter kif ukoll jekk dan isir f'bank jew fuffiċċju postali.

## (3) Oġġetti li jservu għal tul ta' żmien

Il-pussess ta' oġġetti li jservu għal tul ta' żmien jirrifere għall-aċċess tal-prodott jew servizz speċifiku għall-użu privat tal-membri fid-dar. Dan jista' jinkera jew ikun kondiviż. Jekk il-prodott ikun kondiviż, għandu jkun faċli u adegwat għall-ħtiġijiet tal-membri fid-dar.

## (4) Ħtiġijiet bażiċi

(a) Żraben: dan il-kunċett għandu jinftehem fis-sens wiesa'. Jista' jinkludi boots, sandlijiet, eċċ. skond il-kondizzjonijiet klimatiki tal-pajjiż konċernat.

## 5. IT-TRASMISSJONI TA' DATA LILL-EUROSTAT

Il-fatturi varjabbli sekondarji fil-mira dwar "il-privazzjoni materjali" għandhom jintbagħtu lill-EUROSTAT fil-fajl tad-data tal-membri fid-dar (H) u fil-fajl tad-data personali (P) wara l-fatturi varjabbli primarji fil-mira.

## OQSMA U LISTA TA' FATTURI VARJABBILI FIL-MIRA

Modulu 2009		Privazzjoni materjali
Isem tal-fattur varjabbli	Kodiċi	Fattur varjabbli fil-mira
<b>1. Mistoqsijiet dwar oġġetti tad-dar magħmulin fil-livell tal-membri fid-dar</b>		
<i>1.1. Id-djar fil-livell tal-membri fid-dar</i>		
HD010		<b>Post fejn tgħix b'ilma sħun kurrenti</b>
	1	Iva
	2	Le
HD010_F	1	Il-fattur varjabbli tniżżel
	-1	Nieqes
HD020		<b>Stennija tal-membri fid-dar li jibdlu d-dar</b>
	1	Iva
	2	Le
HD020_F	1	Il-fattur varjabbli tniżżel
	-1	Nieqes
HD025		<b>Raġuni ewlenija għall-istennija tal-bidla tad-dar</b>
	1	Il-membri fid-dar ser jiġu mġiegħlin jitolqu, peress li ingħata/ser jingħata avviż mill-proprjetarju mat-terminazzjoni tal-kuntratt
	2	Il-membri fid-dar ser jiġu mġiegħlin jitolqu, peress li ingħata/ser jingħata avviż mill-proprjetarju fin-nuqqas ta' kuntratt formali
	3	Il-membri fid-dar ser jiġu mġiegħlin jitolqu minħabba żgumbrament jew sekwestru
	4	Il-membri fid-dar ser jiġu mġiegħlin jitolqu minħabba diffikultajiet finanzjarji
	5	Il-membri fid-dar ser jitolqu għal raġuni relatata mal-familja
	6	Il-membri fid-dar ser jitolqu għal raġuni relatata ma' l-impjeg
	7	Il-membri fid-dar ser jitolqu għal xi raġuni oħra
HD025_F	1	Il-fattur varjabbli tniżżel
	-1	Nieqes
	-2	Mhux applikabbli (HD020=2)
HD030		<b>Nuqqas ta' spazju fid-dar</b>
	1	Iva
	2	Le
HD030_F	1	Il-fattur varjabbli tniżżel
	-1	Nieqes
<i>FAKULTATTIV: Id-djar fil-livell tal-membri fid-dar</i>		
HD035		<b>Id-daqs tad-dar f'metri kwadri</b>
	0-999	Metri kwadri
HD035_F	1	Il-fattur varjabbli tniżżel
	-1	Nieqes
<i>1.2. L-ambjent fil-livell tal-membri fid-dar</i>		
HD040		<b>Skart ma' l-art fiż-żona abitata</b>
	1	Spiss ħafna
	2	Spiss
	3	Ġieli
	4	Rari jew qatt

Modulu 2009		Privazzjoni materjali
Isem tal-fattur varjabbli	Kodiċi	Fattur varjabbli fil-mira
HD040_F	1	Il-fattur varjabbli tniżżel
	-1	Nieqes
HD050		<b>Tagħmir pubbliku mkisser (waqfiet tax-xarabank, pilastru tal-fanali, bankini eċċ.) fil-viċinanza</b>
	1	Spiss ħafna
	2	Spiss
	3	Ġieli
	4	Rari jew qatt
HD050_F	1	Il-fattur varjabbli tniżżel
	-1	Nieqes
HD060		<b>Aċċessibilità tat-trasport pubbliku</b>
	1	B'diffikultà kbira
	2	B'xi diffikultà
	3	Faċli
	4	Faċli ħafna
HD060_F	1	Il-fattur varjabbli tniżżel
	-1	Nieqes
	-2	Mhux applikabbli (trasport pubbliku mhux użat mill-membri fid-dar)
HD070		<b>Aċċessibilità tas-servizzi postali jew bankarji</b>
	1	B'diffikultà kbira
	2	B'xi diffikultà
	3	Faċli
	4	Faċli ħafna
HD070_F	1	Il-fattur varjabbli tniżżel
	-1	Nieqes
	-2	Mhux applikabbli (servizzi mhux użati mill-membri fid-dar)
<i>1.3. Stress finanzjarju fil-livell tal-membri fid-dar</i>		
HD080		<b>Bdil ta' għamara mgħarrqa</b>
	1	Iva
	2	Le, għaliex il-membri fid-dar m'għandhomx biżżejjed flus
	3	Le, għal xi raġuni oħra
HD080_F	1	Il-fattur varjabbli tniżżel
	-1	Nieqes
<i>1.4. Oġġetti li jservu għal tul ta' żmien fil-livell tal-membri fid-dar</i>		
HD090		<b>Konnessjoni ta' l-Internet</b>
	1	Iva
	2	Le, għaliex il-membri fid-dar m'għandhomx biżżejjed flus
	3	Le, għal xi raġuni oħra
HD090_F	1	Il-fattur varjabbli tniżżel
	-1	Nieqes



Modulu 2009		Privazzjoni materjali
Isem tal-fattur varjabbli	Kodiċi	Fattur varjabbli fil-mira
<b>2. Mistoqsijiet dwar oġġetti magħmulin fil-livell individwali</b>		
<b>2.1. Oġġetti li jservu għal tul ta' żmien fil-livell individwali</b>		
PD010		<b>Telefon ċellulari</b>
	1	Iva
	2	Le, għax m'għandekx biżżejjed flus
	3	Le, għal xi raġuni oħra
PD010_F	1	Il-fattur varjabbli tniżżel
	-1	Nieqes
	-3	Mhux min hu magħżul biex iwieġeb
<b>2.2. Ħtiġijiet bażiċi fil-livell individwali</b>		
PD020		<b>Bdil ta' ħwejjeġ mgħarrqa b'xi ħwejjeġ ġodda (mhux ħwejjeġ diġà użati minn ħaddieħor)</b>
	1	Iva
	2	Le, għax m'għandekx biżżejjed flus
	3	Le, għal xi raġuni oħra
PD020_F	1	Il-fattur varjabbli tniżżel
	-1	Nieqes
	-3	Mhux min hu magħżul biex iwieġeb
PD030		<b>Żewġ pari ta' żraben li jiġuk sew (inkluż par żarbun għal kull tip ta' temp)</b>
	1	Iva
	2	Le, għax m'għandekx biżżejjed flus
	3	Le, għal xi raġuni oħra
PD030_F	1	Il-fattur varjabbli tniżżel
	-1	Nieqes
	-3	Mhux min hu magħżul biex iwieġeb
<b>2.3. Ħtiġijiet mhux sodisfatti fil-livell individwali</b>		
PD040		<b>Visti għand tobba tal-familja u speċjalisti, bl-esklużjoni ta' visti għand dentisti jew oftalmologi, matul l-aħħar 12-il xahar</b>
	1	Xejn
	2	darba jew darbtejn
	3	3-5 darbiet
	4	6-9 darbiet
	5	10 darbiet jew aktar
PD040_F	1	Il-fattur varjabbli tniżżel
	-1	Nieqes
	-3	Mhux min hu magħżul biex iwieġeb
<b>2.4. Attivitajiet ta' divertiment u soċjali fil-livell individwali</b>		
PD050		<b>Ġabra mal-ħbieb/familja (qrafa) għal xarba/ikla mill-inqas darba f'xahar</b>
	1	Iva
	2	Le, għax m'għandekx biżżejjed flus
	3	Le, għal xi raġuni oħra

Modulu 2009		Privazzjoni materjali
Isem tal-fattur varjabbli	Kodiċi	Fattur varjabbli fil-mira
PD050_F	1 -1 -3	Il-fattur varjabbli tniżżel Nieqes Mhux min hu magħżul biex iwieġeb
PD060	1 2 3	<b>Parteċipazzjoni regolari fattività ta' divertiment bħall-isport, iċ-ċinema, kunċert</b> Iva Le, għax m'għandekx biżżejjed flus Le, għal xi raġuni oħra
PD060_F	1 -1 -3	Il-fattur varjabbli tniżżel Nieqes Mhux min hu magħżul biex iwieġeb
PD070	1 2 3	<b>Infiq ta' ammont żgħir ta' flus kull ġimgħa għalik innifsek</b> Iva Le, għax m'għandekx biżżejjed flus Le, għal xi raġuni oħra
PD070_F	1 -1 -3	Il-fattur varjabbli tniżżel Nieqes Mhux min hu magħżul biex iwieġeb
<b>3. Mistoqsijiet dwar oġġetti tat-tfal magħmulin fil-livell tal-membri fid-dar</b>		
<b>3.1. Ħtiġijiet bażiċi għat-tfal kollha fid-dar</b>		
HD100	1 2 3	<b>Xi ħwejjeġ ġodda (mhux ħwejjeġ li diġà ntużaw minn ħaddieħor)</b> Iva Le, għax m'għandekx biżżejjed flus Le, għal xi raġuni oħra
HD100_F	1 -1 -2	Il-fattur varjabbli tniżżel Nieqes Mhux applikabbli (l-ebda wild <b>taħt is-16-il sena</b> )
HD110	1 2 3	<b>Żewġ pari żraben li jiġuk sew (inkluż par żarbun għal kull tip ta' temp)</b> Iva Le, għax m'għandekx biżżejjed flus Le, għal xi raġuni oħra
HD110_F	1 -1 -2	Il-fattur varjabbli tniżżel Nieqes Mhux applikabbli (l-ebda wild <b>taħt is-16-il sena</b> )
HD120	1 2 3	<b>Frott u ħaxix frisk darba kuljum</b> Iva Le, għax m'għandekx biżżejjed flus Le, għal xi raġuni oħra
HD120_F	1 -1 -2	Il-fattur varjabbli tniżżel Nieqes Mhux applikabbli (l-ebda wild <b>taħt is-16-il sena</b> )

Modulu 2009		Privazzjoni materjali
Isem tal-fattur varjabbli	Kodiċi	Fattur varjabbli fil-mira
HD130		<b>Tliet ikliet kuljum</b>
	1	Iva
	2	Le, għax m'għandekx biżżejjed flus
	3	Le, għal xi raġuni oħra
HD130_F	1	Il-fattur varjabbli tniżżel
	-1	Nieqes
	-2	Mhux applikabbli (l-ebda wild <b>taħt is-16-il sena</b> )
HD140		<b>Ikla bil-laħam, tiġieġ jew ħut (jew ekwivalent veġetarjan) għall-inqas kuljum</b>
	1	Iva
	2	Le, għax m'għandekx biżżejjed flus
	3	Le, għal xi raġuni oħra
HD140_F	1	Il-fattur varjabbli tniżżel
	-1	Nieqes
	-2	Mhux applikabbli (l-ebda wild <b>taħt is-16-il sena</b> )
<b>3.2. Ħtiġijiet edukattivi jew ta' divertiment għat-tfal kollha fid-dar</b>		
HD150		<b>Kotba fid-dar addattati għall-età tagħhom</b>
	1	Iva
	2	Le, għax m'għandekx biżżejjed flus
	3	Le, għal xi raġuni oħra
HD150_F	1	Il-fattur varjabbli tniżżel
	-1	Nieqes
	-2	Mhux applikabbli (l-ebda wild <b>taħt is-16-il sena</b> )
HD160		<b>Tagħmir ta' divertiment għal barra (rota, skejz bir-roti, eċċ.)</b>
	1	Iva
	2	Le, għax m'għandekx biżżejjed flus
	3	Le, għal xi raġuni oħra
HD160_F	1	Il-fattur varjabbli tniżżel
	-1	Nieqes
	-2	Mhux applikabbli (l-ebda wild <b>taħt is-16-il sena</b> )
HD170		<b>Logħob ta' ġewwa (ġugarelli edukattivi għat-trabi, blokki għall-bini, logħob fuq bords, logħob fuq il-kompjuter, eċċ.)</b>
	1	Iva
	2	Le, għax m'għandekx biżżejjed flus
	3	Le, għal xi raġuni oħra
HD170_F	1	Il-fattur varjabbli tniżżel
	-1	Nieqes
	-2	Mhux applikabbli (l-ebda wild <b>taħt is-16-il sena</b> )
HD180		<b>Attività ta' divertiment regolari (għawm, daqq ta' strument, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, eċċ.)</b>
	1	Iva
	2	Le, għax m'għandekx biżżejjed flus
	3	Le, għal xi raġuni oħra

Modulu 2009		Privazzjoni materjali
Isem tal-fattur varjabbli	Kodiċi	Fattur varjabbli fil-mira
HD180_F	1 -1 -2	Il-fattur varjabbli tniżżel Nieqes Mhux applikabbli (l-ebda wild <b>taħt is-16-il sena</b> )
HD190	1 2 3	<b>Ċelebrazzjonijiet Fokkażjonijiet speċjali (għeluq is-snin, ġranet tal-qaddis ta' l-isem, avvenimenti reliġjużi, eċċ.)</b> Iva Le, għax m'għandekx biżżejjed flus Le, għal xi raġuni oħra
HD190_F	1 -1 -2	Il-fattur varjabbli tniżżel Nieqes Mhux applikabbli (l-ebda wild <b>taħt is-16-il sena</b> )
HD200	1 2 3	<b>Tistieden minn żmien għal żmien lil ħbieb għandek biex tilgħab u tiekol magħhom</b> Iva Le, għax m'għandekx biżżejjed flus Le, għal xi raġuni oħra
HD200_F	1 -1 -2	Il-fattur varjabbli tniżżel Nieqes Mhux applikabbli (l-ebda wild <b>taħt is-16-il sena</b> )
HD210	1 2 3	<b>Tieħu sehem f'haġġiet ta' l-iskola u favvenimenti skolastiċi li jiswew il-flus</b> Iva Le, għax m'għandekx biżżejjed flus Le, għal xi raġuni oħra
HD210_F	1 -1 -2	Il-fattur varjabbli tniżżel Nieqes Mhux applikabbli (l-ebda wild <b>taħt is-16-il sena</b> li jmur l-iskola)
HD220	1 2	<b>Post xieraq biex tistudja jew tagħmel ix-xogħol skolastiku d-dar</b> Iva Le
HD220_F	1 -1 -2	Il-fattur varjabbli tniżżel Nieqes Mhux applikabbli (l-ebda wild <b>taħt is-16-il sena</b> li jmur l-iskola)
HD230	1 2	<b>Spazju barra fiż-żona abitata, fejn it-tfal jistgħu jilgħabu fis-sigurtà</b> Iva Le
HD230_F	1 -1 -2	Il-fattur varjabbli tniżżel Nieqes Mhux applikabbli (l-ebda wild <b>taħt is-16-il sena</b> )
<b>FAKULTATTIV: 3.2. Htiġġiet edukattivi jew ta' divertiment għat-tfal kollha fid-dar</b>		
HD240	1 2 3	<b>Tagħmel vakanza mill-inqas ġimgħa waħda f'sena</b> Iva Le, għax m'għandekx biżżejjed flus Le, għal xi raġuni oħra

Modulu 2009		Privazzjoni materjali
Isem tal-fattur varjabbli	Kodiċi	Fattur varjabbli fil-mira
HD240_F	1	Il-fattur varjabbli tniżżel
	-1	Nieqes
	-2	Mhux applikabbli (l-ebda wild <b>taħt is-16-il sena</b> )
<i>FAKULTATTIV: 3.3. Ħtiġijiet medikali għat-tfal kollha fid-dar</i>		
HD250		<b>Ħtieġa mhux sodisfatta għall-konsultazzjoni ta' tabib ġenerali jew speċjalista</b>
	1	Iva, kien hemm mill-inqas okkażjoni waħda
	2	Le, ma kien hemm l-ebda okkażjoni
HD250_F	1	Il-fattur varjabbli tniżżel
	-1	Nieqes
	-2	Mhux applikabbli (l-ebda wild <b>taħt is-16-il sena</b> )
HD255		<b>Raġuni prinċipali għal htiġeja mhux sodisfatta għall-konsultazzjoni ta' tabib jew speċjalista</b>
	1	Ma kellekx biżżejjed flus (għali wisq)
	2	Lista ta' stennija
	3	Ma kellekx il-ħin minħabba x-xogħol, kellek tieħu ħsieb it-tfal jew persuni oħra
	4	Kien 'il bogħod wisq/ma kellek l-ebda mezz ta' trasport
	5	Raġuni oħra
HD255_F	1	Il-fattur varjabbli tniżżel
	-1	Nieqes
	-2	Mhux applikabbli (HD250=2)
HD260		<b>Ħtieġa mhux sodisfatta għall-konsultazzjoni ta' dentist</b>
	1	Iva, kien hemm mill-inqas okkażjoni waħda
	2	Le, ma kien hemm l-ebda okkażjoni
HD260_F	1	Il-fattur varjabbli tniżżel
	-1	Nieqes
	-2	Mhux applikabbli (l-ebda wild <b>taħt is-16-il sena</b> )
HD265		<b>Raġuni ewlenija għal htiġeja mhux sodisfatta għall-konsultazzjoni ta' dentist</b>
	1	Ma kellekx biżżejjed flus (għali wisq)
	2	Lista ta' stennija
	3	Ma kellekx il-ħin minħabba x-xogħol, kellek tieħu ħsieb it-tfal jew persuni oħra
	4	Kien 'il bogħod wisq/ma kellek l-ebda mezz ta' trasport
	5	Raġuni oħra
HD265_F	1	Il-fattur varjabbli tniżżel
	-1	Nieqes
	-2	Mhux applikabbli (HD260=2)

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 363/2008****tat-23 ta' April 2008****li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

- (2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-24 ta' April 2008.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' April 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali*

<sup>(1)</sup> ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

## ANNEX

tar-Regolament ta' l-Kummissjoni tat-23 ta' April 2008 li jstabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz <sup>(1)</sup>	Valur fiss ta' l-importazzjoni
0702 00 00	MA	55,6
	TN	109,0
	TR	110,2
	ZZ	91,6
0707 00 05	JO	178,8
	MK	112,1
	TR	111,3
	ZZ	134,1
0709 90 70	MA	92,6
	MK	78,5
	TR	103,7
	ZZ	91,6
0805 10 20	EG	49,5
	IL	62,4
	MA	58,6
	TN	62,7
	TR	53,7
	US	45,4
	ZZ	55,4
0805 50 10	AR	70,7
	EG	126,4
	IL	131,6
	MK	125,0
	TR	132,0
	US	121,6
	ZA	104,3
	ZZ	115,9
0808 10 80	AR	90,1
	BR	83,0
	CA	77,9
	CL	99,6
	CN	96,1
	MK	59,4
	NZ	118,1
	TR	69,6
	US	107,8
	UY	76,8
	ZA	77,3
	ZZ	86,9
0808 20 50	AR	89,5
	AU	88,5
	CL	94,5
	CN	72,6
	ZA	91,3
ZZ	87,3	

<sup>(1)</sup> In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 364/2008

tat-23 ta' April 2008

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 716/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-format tekniku għat-trażmissjoni ta' l-istatistika ta' l-affiljati barranin u d-derogi li jridu jingħataw l-Istati Membri.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

## Artikolu 1

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 716/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-Komunità fuq l-istruttura u l-attività ta' l-affiljati barranin <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) u (b) tiegħu,

Il-format tekniku msemmi fl-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 716/2007 għall-modulu komuni għall-istatistika interna dwar l-affiljati barranin għandu jkun kif stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

## Artikolu 2

Billi:

L-Istati Membri għandhom japplikaw il-format imsemmi fl-Artikolu 1 għad-*data* li tikkonċerna l-ewwel sena ta' referenza msemmija fit-Taqsim 4, paragrafu 1, ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 716/2007, u s-snin ta' wara.

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 716/2007 stabbilixxa qafas komuni għall-produzzjoni sistematika ta' l-istatistika Komunitarja fuq l-istruttura u l-attività ta' l-affiljati barranin.

## Artikolu 3

(2) Hemm bżonn li jiġi speċifikat il-format tekniku u l-proċedura għat-trażmissjoni ta' l-istatistika ta' l-affiljati barranin elenkati fl-Annessi I, II u III tar-Regolament (KE) Nru 716/2007 sabiex tiġi prodotta *data* komparabbli u armonizzata bejn l-Istati Membri, biex jitnaqqas ir-riskju ta' l-iżbalji fit-trażmissjoni tad-*data* u biex tiżdied il-veloċità li biha d-*data* miġbura tkun tista' tiġi pproċessata u ssir disponibbli għall-utenti. Għodod implimentattivi għandhom għalhekk jiġu stipulati, supplimentati mill-istruzzjonijiet li jinsabu fil-Manwal tar-Rakkomandazzjonijiet ta' l-Eurostat dwar il-Produzzjoni ta' l-Istatistika ta' l-Affiljati Barranin, kif riveduta regolament.

Il-format tekniku msemmi fl-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 716/2007 għall-modulu komuni għall-istatistika esterna dwar l-affiljati barranin għandu jkun kif stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

## Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom japplikaw il-format imsemmi fl-Artikolu 3 għad-*data* li tikkonċerna l-ewwel sena ta' referenza msemmija fit-Taqsim 4, paragrafu 1, ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 716/2007, u s-snin ta' wara.

(3) Huwa possibbli wkoll li tagħti derogi mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 716/2007 biex l-Istati Membri jitħallew jagħmlu l-addattamenti neċessarji għas-sistemi statistiċi nazzjonali. Dan għandu x'jaqsam b'mod partikolari ma' l-iżvilupp ta' reġistri statistiċi ġodda u l-metodi tal-ġbir tad-*data*. Il-problema partikolari għall-FATS esterni hija li l-unità statistika ta' l-analiżi tvarja mill-unità ta' rappurtar u mhix residenti fl-Istati Membri.

## Artikolu 5

Id-*data* li trid tintbagħat skond ir-Regolament (KE) Nru 716/2007 għandha tkun trażmessa f'forma elettronika mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti lill-Kummissjoni (Eurostat). Il-format ta' trażmissjoni għandu jkun konformi ma' l-istandards ta' skambju speċifikati mill-Kummissjoni (Eurostat). Id-*data* għandha tiġi trażmessa jew imtella' b'mezzi elettroniċi fil-punt ta' aċċess uniku għad-*data* għand il-Kummissjoni (Eurostat).

(4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm Statistiku,

L-Istati Membri għandhom jimplimentaw l-istandards ta' skambju u linji gwida fornuti mill-Kummissjoni (Eurostat) skond ir-reqwiżiti ta' dan ir-Regolament.

<sup>(1)</sup> ĠU L 171, 29.6.2007, p. 17.



*Artikolu 6*

L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal kull kunsinna ta' *data* t-tagħrif ta' *metadata* neċessarju għall-Kummissjoni (Eurostat), f'forma elettronika u fl-istruttura definita fil-verżjoni l-iktar reċenti tal-Manwal tar-Rakkomandazzjonijiet ta' l-Eurostat dwar il-Produzzjoni ta' l-Istatistika ta' l-Affiljati Barranin.

*Artikolu 7*

Id-derogi msemija fl-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 716/2007 għandhom ikunu kif speċifikat fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 8*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' April 2008.

Għall-Kummissjoni  
Joaquín ALMUNIA  
Membru tal-Kummissjoni

---

## ANNEX I

## SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI GĦAT-TRAŻMISSJONI TA' STATISTIKA INTERNA DWAR AFFILJATI BARRANIN

## 1. Introduzzjoni

L-istandardizzazzjoni ta' l-istrutturi tar-rekords tad-*data* hija fundamentali għall-ipproċessar effiċjenti tad-*data*. Hija stadju meħtieġ biex tiġi pprovduta *data* li tkun konformi ma' l-istandards ta' skambju speċifikati mill-Kummissjoni (Eurostat).

Id-*data* tintbagħat bħala sett ta' rekords li l-parti l-kbira tagħhom jiddeskrivu l-karatteristiċi tad-*data* (il-pajjiż, is-sena ta' referenza, l-attività ekonomika, it-tqassim ġeografiku, eċċ.). Id-*data* nnifisha hija numru li jista' jkun marbut ma' sinjali u noti tal-qiegħ bi spjegazzjoni użati għaż-żieda ta' spjegazzjonijiet għal *data* li tagħti lill-utenti tagħrif addizzjonali rigward pereżempju bidliet estremi minn sena għal sena. Għandu jkun ipprovdut fajl għal kull sensiela ta' *data*.

*Data* kunfidenzjali trid tintbagħat bil-valur veru mniżżel fis-sezzjoni tal-valur u sinjal li jindika n-natura tad-*data* kunfidenzjali li tkun qiegħda tiġi miżjuda mar-rekord. L-Istati Membri jridu jipprovdut l-livelli kollha ta' aggregazzjoni tat-tqassim kif definit fir-Regolament (KE) Nru 716/2007. Barra minn hekk, id-*data* jrid ikollha s-sinjali ta' kunfidenzjalità sekondarji kollha skond ir-regoli ta' kunfidenzjalità li jeżistu fil-livell nazzjonali.

L-Istati Membri jridu jipprovdut settijiet sħaħ għas-sensjoni ta' *data* kollha li jridu jiġu pprovduti fosthom ir-rekords għad-*data* kollha meħtieġa mir-Regolament (KE) Nru 716/2007 li mhumiex disponibbli, jiġifieri li ma jinġabrux fl-Istat Membru, *Data* dwar attivitajiet/fenomeni li ma jeżistux fl-Istat Membru għandha titniżżel fir-rekord bħala żero (kodiċi "0" fis-sezzjoni tal-valur). Il-kodiċi "0" fis-sezzjoni tal-valur jista' jintuża wkoll għal attivitajiet li jeżistu imma li d-*data* dwarha hija żgħira tant li meta tagħmilha f'ċifra tonda tiġi żero. *Data* monetarja trid tiġi espressa feluf ta' unitajiet tal-munita nazzjonali (eluf ta' ewro għall-pajjiżi fiż-żona ta' l-ewro). Pajjiżi li deħlin fiż-żona ta' l-ewro għandhom jirrapportaw fewro minflok fil-munita nazzjonali d-*data* monetarja meħtieġa fis-sena ta' l-adeżjoni tagħhom.

2. Identifikatur tas-sett tad-*data*

L-identifikatur tas-sett ta' *data* li ġej se jintuża għar-rappurtar ta' l-istatistika dwar affiljati barranin interni:

Għas-sensjela 1G: SBSFATS\_1GA1\_A.

Għas-sensjela 1G2: SBSFATS\_1GB1\_A

3. L-istruttura tad-*data* u d-definizzjoni tas-sezzjonijiet

Din it-taqsim tagħti ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tad-*data*, u tiddefinixxi s-sezzjonijiet, il-kodiċi u l-attributi li jridu jintużaw. Il-kodiċi li jridu jintużaw jinsabu fil-verżjoni l-iktar reċenti tal-Manwal ta' Rakkomandazzjonijiet ta' l-Eurostat dwar il-Produzzjoni ta' l-Istatistika ta' l-Affiljati Barranin imsemija fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 716/2007. Is-sezzjonijiet kollha jridu jintbagħtu, anke jekk ikunu vojta. Fl-ordni mix-xellug għal-lemin is-sezzjonijiet huma:

Nru tas-Sezzjoni	Identità tas-sezzjoni (Isem)	Tip u daqs	Definizzjoni
1	Identità tas-sett ta' <i>data</i>	AN2...3	Kodiċi alfanumeriċi tas-sensjoni kif definiti fit-Taqsim 3 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 716/2007, eż 1G għas-sensjela 1G (livell ta' tqassim ġeografiku 2-IN kombinati ma' livell ta' tqassim ta' l-attività 3), 1G2 għas-sensjela 1G2 (livell ta' tqassim ġeografiku 3 kombinati ma' l-Ekonomija tan-Negożju).
2	Is-sena ta' referenza	N4	Is-sena ta' referenza ferba' karattri, eż. 2007.
3	Unità territorjali	AN2	Tikkorrispondi mal-kodiċi tal-pajjiż dikjarant. Il-kodiċi li jrid jintuża huwa NUTS0.
4	Klassi tad-daqs	N2	Kodiċi għall-klassi tad-daqs, eż. 30 għat-total.

Nru tas-Sezzjoni	Identità tas-sezzjoni (Isem)	Tip u daqs	Definizzjoni
5	Attività	AN1...4	Kodiċi numeriċi jew alfanumeriċi għall-intestaturi NACE u l-aggregati standard skond it-tqassim ta' l-attività kif speċifikat għal-livell ta' tqassim ta' l-attività 3 fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 716/2007. Eżempju ta' kodiċi ta' attività standard huwa BUS għal Ekonomija tan-Negozju. Aggregati mhux standard għandhom ikunu indikati fis-sezzjoni 14. It-tikek fil-kodiċi NACE għandhom jitneħħew. Eż. it-tħaffir tal-minjieri u tal-barrieri għandu l-kodiċi Ċ, il-manifattura ta' prodotti ta' l-ikel u tax-xorb għandha l-kodiċi 15, il-lukandi l-551.
6	Identifikazzjoni FATS	N2	30 għall-pajjiż ta' l-Unità Istituzzjonali tal-Kontroll Aħħari
7	Il-pajjiż ta' l-Unità Istituzzjonali tal-Kontroll Aħħari	AN2	Il-kodiċi tal-pajjiż li jikkorrispondi għall-pajjiż ta' residenza ta' l-Unità Istituzzjonali tal-Kontroll Aħħari. Il-kodiċi kif speċifikati għal-livelli ta' tqassim ġeografiku 2-IN u 3 fir-Regolament (KE) Nru 716/2007.
8	Karatteristiċi	AN4...5	Il-kodiċi tal-karatteristiċi kif stipulat fit-Taqsima 2 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 716/2007.
9	Valur tad- <i>data</i>	AN1...12	Valur numeriku tad- <i>data</i> (valuri negattivi huma preċeduti minn sinjal ta' tnaqqis) espressi bħala numri sħaħ mingħajr punti deċimali. Għandha tintuża "md" jekk id- <i>data</i> ma tintbagħatx minħabba li mhix disponibbli.
10	Sinjal ta' kwalità	AN...1	R: <i>data</i> riveduta, P: <i>data</i> provviżorja, W: <i>data</i> ta' kwalità baxxa li tintuża għall-kalkolu tat-totali Komunitarji imma li ma jistgħux jixxerrdu fil-livell nazzjonali, E: valur smat. Deskrizzjoni tar-reviżjoni trid tiġi pprovduta fl-istess ħin.
11	Sinjal ta' kunfidenzjalità	AN...1	A, B, Ċ, D, F, H: jindika li d- <i>data</i> hija kunfidenzjali u r-raġuni għal dik il-kunfidenzjalità  A: Ftit wisq intrapriżi B: Intrapriża waħda tiddomina d- <i>data</i> Ċ: Żewġ intrapriżi jiddominaw id- <i>data</i> D: <i>Data</i> kunfidenzjali sekondarja biex ttiproteġi <i>data</i> mmarkata b'A, B, Ċ, F jew H F: Id- <i>data</i> hija kunfidenzjali b'applikazzjoni tar-regola tal-p% H: <i>Data</i> li mhix ippubblikata fil-livell nazzjonali peress li titqies bħala informazzjoni sensitiva jew li ttiproteġi d- <i>data</i> li mhix meħtieġa mir-Ragolament (KE) Nru 716/2007 ( <i>data</i> kunfidenzjali manwalment).
12	Dominanza/sehem l-ikbar unità	N...3	Valur numeriku inqas minn jew ugwali għal 100 li jindika l-perċentwali ta' dominanza ta' intrapriża jew tnejn li jiddominaw id- <i>data</i> u jagħmluha kunfidenzjali. Il-valur jiġi kkalkolat sa l-egreb numru sħiħ: eż. 90.3 jiġi 90. 94.5 jiġi 95. Dan il-qasam huwa użat biss meta jiġu użati s-sinjali tal-kunfidenzjalità B jew Ċ fis-sezzjoni preċedenti. Meta tintuża F fis-sezzjoni preċedenti, din is-sezzjoni għandha tinkludi sehem l-ikbar intrapriża.
13	Sehem it-tieni l-ikbar unità	N...3	Valur numeriku inqas minn jew ugwali għal 100. Din is-sezzjoni għandha tintuża meta fis-sezzjoni 11 jintuża s-sinjal tal-kunfidenzjalità F; din is-sezzjoni għandha tinkludi sehem it-tieni l-ikbar intrapriża.

Nru tas-Sezzjoni	Identità tas-sezzjoni (Isem)	Tip u daqs	Definizzjoni
14	Aggregazzjoni tal-kodiċi NACE	AN...40	Din is-sezzjoni għandha tintuża għal aggregazzjoni mhux standard ta' bosta kodiċi NACE.
15	Unitajiet ta' valuri ta' <i>data</i>	AN3...4	Din is-sezzjoni tista' tintuża biex jiġi indikat jekk intużawx unitajiet mhux standard: Għandhom jintużaw il-kodiċi li ġejjin: UNIT: unitajiet għal <i>data</i> mhux monetarja KEUR: eluf ta' EUR għal <i>data</i> monetarja għall-pajjiżi li huma membri taż-żona ta' l-ewro KNC: eluf ta' unitajiet tal-munita nazzjonali għall-pajjiżi li mhumiex membri taż-żona ta' l-ewro.
16	Nota tal-qiegħ	AN...250	Nota libera dwar id- <i>data</i> li tista' tiġi ppubblikata bħala noti metodoloġiċi/spjegazzjonijiet addizzjonali għal ftehim aħjar tad- <i>data</i> pprovduta.

NB: AN=Alfanumeriku (eż. AN...8 – alfanumeriku sa 8 pożizzjonijiet imma s-sezzjoni tista' tkun vojta, AN1...8 – alfanumeriku b'ta' l-inqas pożizzjoni u sa 8 pożizzjonijiet, AN1 - alfanumeriku b'pożizzjoni waħda, eżatta); N=Numeriku (eż. N1 - numeriku b'pożizzjoni waħda, eżatta).

## ANNEX II

## SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI GĦAT-TRAŻMISSJONI TA' STATISTIKA ESTERNA DWAR AFFILJATI BARRANIN

## 1. Introduzzjoni

L-istandardizzazzjoni ta' l-istrutturi tar-rekords tad-*data* hija fundamentali għall-ipproċessar effiċjenti tad-*data*. Hija stadju meħtieġ biex tiġi pprovduta *data* li tkun konformi ma' l-istandards ta' skambju speċifikati mill-Kummissjoni (Eurostat).

2. Identifikatur tas-sett tad-*data*

Is-sett ta' *data* li ġeja se jintuża għar-rappurtar ta' l-istatistika dwar affiljati barranin esterni:

DSI+BOP\_FATS\_A

3. Struttura tad-*data*, listi ta' kodiċi u attributi

Din it-taqsimha tagħti ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tad-*data*, il-listi ta' kodiċi u l-attributi li għandhom jintużaw. Il-valuri disponibbli ta' l-attributi jinsabu fil-verżjonijiet l-iktar reċenti tal-Manwal ta' Rakkomandazzjonijiet ta' l-Eurostat dwar il-Produzzjoni ta' l-Istatistika ta' l-Affiljati Barranin imsemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 716/2007 u tal-Ktejjeb tal-Bilanċ tal-Flasijiet ta' l-Eurostat. Is-sezzjonijiet kollha jridu jintbagħtu, anke jekk ikunu vojta.

Fl-ordni mix-xellug għall-lemin is-sezzjonijiet huma:

Nru tas-Sezzjoni	Identità tas-sezzjoni (Isem)	Isem il-lista tal-kodiċi jew il-kunċett	Tip u daqs	Definizzjoni
1	Frekwenza	CL_FREQ	AN1	Il-frekwenza tas-sensiela.
2	Żona ta' referenza jew relatur	CL_AREA_EE	AN2	il-pajjiż jew il-grupp ġeografiku/politiku ta' pajjiżi relatat mal-fenomenu ekonomiku osservat.
3	Indikatur ta' aġġustament	CL_ADJUSTMENT	AN1	Jindika jekk ġiex applikat aġġustament staġjunali u/jew ta' jum ta' xogħol jew le
4	Tip ta' <i>data</i>	CL_DATA_TYPE_FATS	AN1	Jiddeskrivi t-tip ta' <i>data</i> .
5	Partita ikkodifikata FATS	CL_FATS_ITEM	AN3...8	Partita kkodifikata għall-karatteristiki FATS.
6	Tqassim tal-munita	CL_CURR_BRKDOWN	AN1	Tqassim tal-munita għat-tranżazzjonijiet u l-pożizzjonijiet.
7	Żona ta' kontroparti	CL_AREA_EE	AN2	Il-pajjiż jew il-grupp ġeografiku/ekonomiku ta' pajjiżi li ż-żona ta' referenza jew ir-relatur għandu l-affiljat tiegħu fihom.
8	Denominazzjoni tas-sensiela	CL_SERIES_DENOM	AN1	Il-munita tad-denominazzjoni jew drittijiet speċjali ta' ġbid.
9	Attività ekonomika residenti	CL_BOP_EC_ACTIV_R1	N4	Kodiċi NACE u aggregati ta' attività ekonomika residenti speċjali
10	Attività ekonomika mhux residenti	CL_BOP_EC_ACTIV_R1	N4	Kodiċi NACE u aggregati ta' attività ekonomika mhux residenti speċjali
11	Perjodu ta' żmien	TIME_PERIOD	AN4...35	Is-sena ta' referenza.

Nru tas-Sezzjoni	Identità tas-sezzjoni (Isem)	Isem il-lista tal-kodiċi jew il-kunċett	Tip u daqs	Definizzjoni
12	Kodiċi ta' format tal-ħin	TIME_FORMAT	AN3	Jiddeskrivi bħala perjodu tal-ħin uniku jew serje ta' ħin.
13	Valur ta' osservazzjoni	OBS_VALUE	AN...15	Valur numeriku tad- <i>data</i> (valuri negattivi huma preċeduti minn sinjal ta' tnaqqis).
14	Stat ta' osservazzjoni	CL_OBS_STATUS	AN1	Informazzjoni dwar il-kwalità tal-valur jew valur nieqes jew mhux komuni
15	Kunfidenzjalità ta' l-osservazzjoni	CL_OBS_CONF	AN1	Informazzjoni dwar jekk l-osservazzjoni tistax issir pubblika barra l-istituzzjoni li qed tirċievi jew le. Spazju vojta jindika <i>data</i> mhux kunfidenzjali.
16	L-organizzazzjoni li qed tibgħat	CL_ORGANISATION	AN3	L-entità li qed tibgħat id- <i>data</i>
17	Destinatarju	CL_ORGANISATION	AN3	L-entità li qed tirċievi d- <i>data</i>

NB: AN=Alfanumeriku (eż. AN...8 – alfanumeriku sa 8 pożizzjonijiet imma s-sezzjoni tista' tkun vojta, AN1...8 – alfanumeriku b'ta' l-inqas pożizzjoni u sa 8 pożizzjonijiet, AN1 - alfanumeriku b'pożizzjoni waħda, eżatta); N=Numeriku (eż. N1 - numeriku b'pożizzjoni waħda, eżatta).

## ANNEX III

## DEROGI

It-tabella li ġejja tindika għal kull Stat Membru l-perjodi ta' tranżizzjoni u d-derogi mogħtija fl-Annessi I (modulu ta' l-istatistika interna dwar l-affiljati barranin) u II (modulu ta' l-istatistika esterna dwar l-affiljati barranin) tar-Regolament (KE) Nru 716/2007. Jekk ikun hemm bżonn ta' deroga, issir distinzjoni bejn deroga sħiħa, meta ma tkun tista' tiġi pprovduta l-ebda informazzjoni u deroga parzjali, meta xi wħud mid-dispożizzjonijiet ma jistgħux jiġu sodisfatti. F'każ ta' deroga parzjali, it-tabelli jindikaw jekk id-dispożizzjonijiet li ma jistgħux jiġu sodisfatti humiex relatati mat-trażmissjoni tar-riżultati (20 xahar) jew il-kopertura ta' l-attività.

Stat Membru	Modulu statistika interna dwar affiljati barranin	Modulu statistika esterna dwar affiljati barranin
Il-Ġermanja	Estensjoni tal-perjodu tat-trażmissjoni tad- <i>data</i> għal 26 xahar għas-sena ta' referenza 2007 Eżenzjoni mit-tqassim ta' l-attività: NACE Rev. 1.1 diviżjoni 67 u kodiċi korrispondenti fin-NACE Rev. 2 għas-snin ta' referenza 2007-2010	
Spanja		Deroga sħiħa għas-snin ta' referenza 2007-2008
Franza		Deroga sħiħa għas-snin ta' referenza 2007-2008
Il-Lussemburgu	Deroga sħiħa għas-snin ta' referenza 2007-2008	Deroga sħiħa għas-snin ta' referenza 2007-2008
Malta	Estensjoni tal-perjodu tat-trażmissjoni tad- <i>data</i> għal 26 xahar għas-snin ta' referenza 2007-2008	Estensjoni tal-perjodu tat-trażmissjoni tad- <i>data</i> għal 26 xahar għas-snin ta' referenza 2007-2008
Il-Polonja		Deroga sħiħa għas-sena ta' referenza 2007
Is-Slovenja	Eżenzjoni mit-tqassim ta' l-attività: NACE Rev. 1.1 diviżjonijiet 65 u 67 u kodiċi korrispondenti fin-NACE Rev. 2 għas-snin ta' referenza 2007-2010	
Ir-Renju Unit	Eżenzjoni mit-tqassim ta' l-attività: NACE Rev. 1.1 sezzjoni J għas-sena ta' referenza 2007	Deroga sħiħa għas-snin ta' referenza 2007-2008

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 365/2008

tat-23 ta' April 2008

li jadotta l-programm ta' moduli *ad hoc*, li jkopri s-snin 2010, 2011 u 2012, għall-istħarriġ kampjun dwar il-forza tax-xogħol stipulat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

attiva tal-persuni b'diżabbiltajiet għandu jiġi sorveljat. Għalhekk, din l-informazzjoni għandha tinġabar permezz tal-modulu *ad hoc* għall-2011.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ kampjun dwar il-forza tax-xogħol fil-Komunità<sup>(1)</sup>, b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

- (4) Hemm il-bżonn ta' sett ta' *data* sħiħa u komparabbli dwar it-tranżizzjonijiet mix-xogħol għall-irtirar sabiex jiġi osservat il-progress lejn l-għanijiet komuni ta' l-Istrateġija ta' l-Impjiegi tal-Komunità u tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni fil-qasam tal-pensjonijiet li ġie mibdi mill-Kunsill Ewropew ta' Laeken f'Diċembru 2001. Iż-żewġ proċessi jidentifikaw il-promozzjoni ta' xjuħija attiva u t-titwil tal-ħajja tax-xogħol bħala prijoritajiet għall-azzjoni. Għalhekk, l-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol ta' ħaddiema akbar fl-età u l-fatturi ewlenin li jinfluwenzaw il-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol u t-tranżizzjonijiet għandha tinġabar permezz tal-modulu *ad hoc* ta' l-2012.

Billi:

- (1) B'konformità ma' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 577/98, jeħtieġ li jkunu speċifikati l-elementi tal-programm ta' moduli *ad hoc* li jkopri s-snin 2010, 2011 u 2012.
- (2) Il-Linjigwida dwar ix-Xogħol (2005-2008) adottati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/600/KE<sup>(2)</sup>, "Pjan dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa"<sup>(3)</sup> tal-Kummissjoni Ewropea u l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi<sup>(4)</sup> jinkoraġġixxu lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri biex jipromwovu bilanċ aħjar tal-ħajja tax-xogħol għal kulħadd f'termini ta' kura tat-tfal, faċilitajiet tal-kura għal dipendenti oħra u promozzjoni tal-ġranet frank tal-ġenituri kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel. Għalhekk, biex jitkejjel l-impatt tal-politiki riċenti f'dan il-qasam, ikun essenzjali li tinġabar l-informazzjoni rilevanti kollha bil-modulu *ad hoc* ta' l-2010.
- (3) Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar l-opportunitajiet indaqs għall-persuni bid-diżabbiltajiet<sup>(5)</sup> tirreferi għall-bżonn ta' sett ta' *data* komprensiva u komparabbli dwar is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol ta' persuni b'diżabbiltà. Aktar minn hekk, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-opportunitajiet indaqs għall-persuni b'diżabbiltajiet<sup>(6)</sup>, li jiffoka fuq inklużjoni

- (5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 430/2005 tal-15 ta' Marzu 2005 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ kampjun dwar il-forza tax-xogħol fil-Komunità li jirrigwarda l-kodifikazzjoni li għandha tintuża għat-tranżizzjoni tad-*data* mill-2006 'l quddiem u l-użu ta' sotto-kampjun għall-ġbir ta' *data* dwar il-varjabbli strutturali<sup>(7)</sup> jistabilixxi l-karatteristiċi tal-kampjun li jrid jintuża għall-ġbir ta' l-informazzjoni dwar moduli *ad hoc*.
- (6) Il-miżuri previsiti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm Statistiku mwaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom<sup>(8)</sup>,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Il-programm ta' moduli *ad hoc* għall-istħarriġ kampjun dwar il-forza tax-xogħol, li jkopri s-snin 2010, 2011 u 2012, kif stabbilit fl-Anness, huwa b'dan adottat.

<sup>(1)</sup> ĠU L 77, 14.3.1998, p. 3. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1372/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 42).

<sup>(2)</sup> ĠU L 205, 6.8.2005, p. 21.

<sup>(3)</sup> Adottat fl-1.3.2006, COM(2006) 92 finali.

<sup>(4)</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tat-23-24 ta' Marzu 2006.

<sup>(5)</sup> ĠU C 186, 2.7.1999, p. 3.

<sup>(6)</sup> COM(2003) 650.

<sup>(7)</sup> ĠU L 71, 17.3.2005, p. 36. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 973/2007 (ĠU L 216, 21.8.2007, p. 10).

<sup>(8)</sup> ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.



*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' April 2008.

*Għall-Kummissjoni*  
Joaquín ALMUNIA  
*Membri tal-Kummissjoni*

---

## ANNEX

**STĦARRIĠ TAL-FORZA TAX-XOGĦOL**  
**Programm fuq firxa ta' snin ta' moduli ad hoc.****1. RIKONĊILJAZZJONI BEJN IX-XOGĦOL U L-ĦAJJA TAL-FAMILJA**

*Listi ta' varjabbli:* li għandhom ikunu definiti qabel Diċembru 2008

*Perjodu ta' referenza:* 2010.

*L-Istati Membri u r-reġjuni konċernati:* Kollha.

*Kampjun:* Il-kampjun għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' l-Anness I, punt 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 430/2005.

*Trażmissjoni tar-riżultati:* qabel il-31 ta' Marzu 2011.

**2. IMPJIEG TA' NIES B'DIŻABILITÀ**

*Listi ta' varjabbli:* li għandhom ikunu definiti qabel Diċembru 2009.

*Perjodu ta' referenza:* 2011.

*L-Istati Membri u r-reġjuni konċernati:* Kollha.

*Kampjun:* Il-kampjun għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' l-Anness I, punt 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 430/2005.

*Trażmissjoni tar-riżultati:* qabel il-31 ta' Marzu 2012.

**3. TRANŻIZZJONI MIX-XOGĦOL GĦALL-IRTIRAR**

*Listi ta' varjabbli:* li għandhom ikunu definiti qabel Diċembru 2010.

*Perjodu ta' referenza:* 2012.

*L-Istati Membri u r-reġjuni konċernati:* Kollha.

*Kampjun:* Il-kampjun għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' l-Anness I, punt 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 430/2005.

*Trażmissjoni tar-riżultati:* qabel il-31 ta' Marzu 2013.

---

## II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

## DEĊIŻJONIJIET

## KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' April 2008

dwar il-ħatra ta' membru Belġjan fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(2008/325/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 259 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2006/651/KE, Euratom, tal-15 ta' Settembru 2006 li jirrigwarda n-nominazzjoni tal-membri Belġjani, Griegi, Irlandiżi, Ċiprijotti, Olandiżi, Pollakki, Portugiżi, Filandiżi, Żvediżi u Brittanniċi kif ukoll żewġ membri Taljani fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Gvern Belġjan,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni,

Billi:

Post ta' membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew sar vakanti wara n-nomina tas-Sur PIETTE bħala Ministru tal-Gvern Federali Belġjan u minħabba l-incompatibbiltà ta' din il-funzjoni mal-mandat ta' membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

Ewropew. Din l-incompatibbiltà ma teżistix aktar wara r-riżenja tas-Sur PIETTE minn Ministru,

IDDEĊIEDA:

*Artikolu 1*

Is-Sur Josly PIETTE, Segretarju Ġenerali Onorarju tas-CSC huwa b'dan maħtur membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-perijodu tal-mandat tiegħu, jiġifieri sa l-20 ta' Settembru 2010.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmula fil-Lussemburgu, 18 ta' April 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

D. MATE

<sup>(1)</sup> ĠU L 269, 28.9.2006, p. 13. Id-Deċiżjoni emendata bid-Deċiżjoni 2007/622/KE, Euratom (ĠU L 253, 28.9.2007, p. 39).

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' April 2008

**li taġġusta l-koeffiċjenti korrettivi applikabbli mill-1 ta' Frar 2007, l-1 ta' Marzu 2007, l-1 ta' April 2007, l-1 ta' Mejju 2007 u l-1 ta' Ġunju 2007 għar-rimunerazzjonijiet ta' l-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti b'kuntratt tal-Komunitajiet Ewropej li jservu f'pajjiżi terzi**

(2008/326/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

wara li kkunsidrat ir-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u r-reġim applikabbli għall-aġenti oħra tal-Komunitajiet, stabbiliti mir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 <sup>(1)</sup> u notevolment it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 13, ta' l-Anness X tiegħu,

Billi:

- (1) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 453/2007 <sup>(2)</sup> kienu f'fissati, b'applikazzjoni ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 13, ta' l-Anness X tar-Regolamenti ta-Persunal il-koeffiċjenti korrettivi li jaffettwaw il-pagi, mill-1 ta' Lulju 2006, fil-valuta tal-pajjiż fejn huma ssekondati, ta' l-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti kuntrattwali tal-Komunitajiet Ewropej issekondati fil-pajjiżi terzi.
- (2) Huwa meħtieġ li jkunu adattati, f'konformità mat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 13, ta' l-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal, mill-1 ta' Frar 2007, l-1 ta' Marzu 2007, l-1 ta' April 2007, l-1 ta' Mejju 2007 u l-1 ta' Ġunju 2007, uħud minn dawn il-koeffiċjenti korrettivi, minħabba li fl-istatistiċi għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, il-varjazzjoni fl-għoli tal-ħajja, ikkalkulata skond il-

koeffiċjent korrettiv u r-rata tal-kambju korrispondenti, tidher li hi, għal ċerti pajjiżi terzi, superjuri għal 5 % mill-aħħar iffissar jew adattament,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

### *Artikolu Uniku*

B'effett mill-1 ta' Frar 2007, l-1 ta' Marzu 2007, l-1 ta' April 2007, l-1 ta' Mejju 2007, u l-1 ta' Ġunju 2007, il-koeffiċjenti korrettivi, applikabbli għall-pagi ta' l-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti kuntrattwali tal-Komunitajiet Ewropej issekondati f'pajjiżi terzi imħallsa bil-valuta tal-pajjiż fejn huma ssekondati, huma dawk indikati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Ir-rati tal-kambju wżati għall-kalkolu ta' dawn ir-rimunerazzjonijiet huma stabbiliti f'konformità mal-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tar-Regolament Finanzjarju u jikkorrispondu mad-data indikata fl-ewwel paragrafu.

Magħmula fi Brussell, 11 ta' April 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Benita FERRERO-WALDNER

*Membri tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 337/2007 (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 109, 26.4.2007, p. 22.

## ANNEX

Pajjiż assenjat	Koeffiċjenti Korrettivi Frar 2007
L-Angola	117,3
Il-Barbados	127,5
Il-Bulgarija	80,4
Il-Kap Verde	82,3
Il-Korea ta' Isfel	117,3
Il-Kosta Rica	70,8
Il-Ginea (Conakry)	57,7
Il-Haiti	114,8
Il-Libanu	92,3
In-Nepal	78,8
L-Uganda	65,1
Il-Paragwaj	78,8
Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (Kinshasa)	137,6
Is-Sjerra Leone	76,6
Is-Sudan	61,6
Is-Sirja	70,6

Pajjiż assenjat	Koeffiċjenti Korrettivi Marzu 2007
L-Arġentina	53,5
Il-Kamerun	103,5
Il-Kosta ta' l-Avorju	98,7
Il-Guyana	61,3
L-Indja	47,6
Il-Ġordan	75,9
Il-Każakistan (Almaty)	121,6
Il-Kirgiztan	84,3
Il-Madagaskar	84,7
L-Uganda	69,4
Is-Sri Lanka	53,2
Il-Veneżwela	64,1

Pajjiż assenjat	Koeffiċjenti Korrettivi April 2007
L-Angola	121,8
Il-Botswana	58,1
Il-Ginea (Conakry)	49,2
Il-Mali	86,3
Is-Sudan	55,1
It-Taġikistan	66,5
Iż-Żambja	56,3

Pajjiż assenjat	Koeffiċjenti Korrettivi Mejju 2007
L-Arġentina	54,9
Il-Kosta Rica	70,8
L-Etjopja	87,1
Il-Gana	69,2
L-Indoneżja (Jakarta)	79,5
Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (Kinshasa)	131,6
It-Trinidad u t-Tobago	68,6
It-Turkija	85,9
Il-Jemen	76,0

Pajjiż assenjat	Koeffiċjenti Korrettivi Ġunju 2007
Il-Kanada	92,7
El Salvador	76,6
L-Istati Uniti (New York)	103,1
Il-Gwatemala	79,0
Il-Malawi	73,1
Il-Moldova	58,5
In-Nikaragwa	57,3
Ir-Rwanda	90,9
It-Tanzanija	61,7

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' April 2008

li tidderoga minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2006/923/KE dwar kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja għall-2006 u l-2007 biex ikopri n-nefqa mġarrba mill-Portugall bl-iskop li jiġġieled il-*Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner et Buhner) Nickle *et al.* (nematodu ta' l-injam ta' l-arżnu)

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 1444)

(It-test Portugiż biss huwa awtentiku)

(2008/327/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar miżuri protettivi kontra d-dħul u t-tixrid fil-Komunità ta' organiżmi li huma ta' ħsara għall-pjanti jew għall-prodotti tal-pjanti<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 23(6) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/923/KE<sup>(2)</sup> approvat kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għal programm ta' miżuri introdotti mill-Portugall li għandu l-għan li fl-2006 u l-2007 jikkontrolla l-*Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner et Buhner) Nickle *et al.* (nematodu ta' l-injam ta' l-arżnu) milli jinfirx lejn Stati Membri oħra. Il-miżuri kienu jikkonsistu mill-ħolqien ta' ostaklu li jkun ħieles mis-siġar kollha ospitanti tal-vetturi tan-nematodu ta' l-injam ta' l-arżnu, minn issa 'l quddiem "faxxa ta' konteniment fitosanitarju".
- (2) Mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2006/923/KE 'l hawn, il-Portugall kellu jiffaċċja bosta ċirkustanzi avversivi u eċċezzjonali, li wasslu għal dewmien fl-eżekuzzjoni tal-miżuri. Dawk iċ-ċirkustanzi ġew spjegati fittra mill-Portugall lill-Kummissjoni bid-data tat-28 ta' Settembru 2007. B'mod partikolari, filwaqt li l-programm inizjali kien ibbażat fuq stima ta' 700 000 siġra ta' l-arżnu li kellhom jitqaċċtu, sar neċessarju li b'kollox jitqaċċtu 980 000 siġra. Barra minn hekk, 3 700 000 siġra ta' l-arżnu żgħar kellhom jiġu eliminati wkoll. L-awtoritajiet Portugiżi spjegaw id-differenza fin-numru ta' siġar bil-fatt li l-unika data disponibbli dak iż-żmien, l-inventarju nazzjonali tal-foresta mill-1995, dehret li kienet skaduta u li ssothovalutat is-siġar żgħar, is-siġar iżolati u s-siġar li kienu prevalenti f'siti mħallta tal-weraq.
- (3) Minkejja ċ-ċirkustanzi avversivi, il-Kummissjoni vverifikat permezz tal-missjonijiet tagħha fil-Portugall li l-awtoritajiet Portugiżi kienu kapaċi jilħqu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2006/923/KE b'mod xieraq.

Inevitabilment id-dewmien kumulattiv ma ppermettil-homx milli jagħtu bis-sħiħ ir-riżultati mistennija fi ħdan il-limitu ta' żmien strett stipulat fid-Deċiżjoni għat-tlestija tal-miżuri. Minkejja dan, id-dewmien ma kienux b'tali mod li xekkel il-miżuri milli jiżvolġu l-effett tagħhom bis-sħiħ u, minħabba l-kondizzjonijiet tat-temp fir-Rebbiegħa 2007 fil-Portugall, li ma kienux favorevoli għat-titjir ta' l-insett vettur tan-nematodu ta' l-injam ta' l-arżnu, ma rriżultax friskju fitosanitarju miżjud.

- (4) Id-Deċiżjoni 2006/923/KE stipulat penali, fl-għamla ta' tnaqqis progressiv tal-finanzjament tal-Komunità, fil-każ ta' nuqqas ta' implimentazzjoni jew implimentazzjoni tard tal-miżuri. L-applikazzjoni ta' tnaqqis u sanzjonijiet bħal dawn huma sproporzjonati fid-dawl taċ-ċirkustanzi eċċezzjonali.
- (5) Id-dokumentazzjoni li għandha titressaq mill-Portugall trid tkun b'tali mod li tippermetti lill-Kummissjoni li tikkonkludi li l-kondizzjonijiet tal-ħlas tal-bilanċ tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità stipulata fid-Deċiżjoni 2006/923/KE ntlaħqu. Minħabba li ċ-ċirkustanzi eċċezzjonali ffaċċjati mill-Portugall dawmu wkoll il-pagamenti mill-Portugall lill-kumpaniji privati li wettqu l-faxxa ta' konteniment fitosanitarju, id-data ta' skadenza sabiex titressaq id-dokumentazzjoni xierqa għandha tiġi estiża.
- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

(1) Permezz ta' deroga mill-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2006/923/KE, il-bilanċ tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità msemmija fl-Artikolu 2 ta' dik id-Deċiżjoni għandha titħallas darba wara li l-kondizzjonijiet ikunu ġew issodisfati:

- (a) il-miżuri meħtieġa għall-ħolqien ta' faxxa ta' konteniment fitosanitarju bħala żona ħielsa mill-vetturi ospiti tan-nematodu ta' l-injam ta' l-arżnu ġew implimentati mill-Portugall b'mod aċċettabbli u jilħqu l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2006/923/KE;

(<sup>1</sup>) ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/41/KE (ĠU L 169, 29.6.2007, p. 51).

(<sup>2</sup>) ĠU L 354, 14.12.2006, p. 42.

(b) Il-Portugall ippreżentat lill-Kummissjoni rapport finanzjarju, inklużi fatturi u rċevuti reġistrati, u rapport finali tekniku kif previst fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2006/923/KE.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Portugiża.

Magħmula fi Brussell, 21 ta' April 2008.

(2) L-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 2006/923/KE ma għandux japplika jekk il-Kummissjoni hija sodisfatta, fuq il-bażi ta' l-evidenza mressqa mill-Portugall, li d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-miżuri ma affettwawx l-effettività tal-miżuri.

*Għall-Kummissjoni*  
Androulla VASSILIOU  
*Membri tal-Kummissjoni*



FTEHIM

KUNSILL

**Informazzjoni relatata mad-dħul fis-seħħ ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina rigward id-dazji ta' l-esportazzjoni**

Il-Ftehim ta' hawn fuq bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina (ĠU L 106, 16.4.2008) daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2008.

---

## CORRIGENDUM

**Rettifika għad-Direttiva tal-Kummissjoni 83/190/KEE tat-28 ta' Marzu 1983 dwar l-Addattamenti għall-progress tekniku tad-Direttiva tal-Kunsill 78/764/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar is-sedil tax-xufier tat-tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija**

(Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 109 tas-26 ta' April 1983; MT Edizzjoni Speċjali 2004 Kapitolu 13 Volum 007)

Fpaġna 7, fit-test li jemenda l-Anness II għad-Direttiva 78/764/KEE:

*minflok:* "Il-punt 2.5.1.5: Fil-verżjonijiet Daniżi u Franċiżi biss, u l-aġġettiv li jikkorrispondi "sħiħ" għandu jiddaħħal sabiex jikkwalifika l-kelma li tikkorrispondi għal "vjaġġ".

Il-punt 2.5.1.7 jinbidel b'li ġej":

*aqra:* "Il-punt 2.5.1.5: Fil-verżjonijiet Daniżi u Franċiżi biss, u l-aġġettiv li jikkorrispondi "sħiħ" għandu jiddaħħal sabiex jikkwalifika l-kelma li tikkorrispondi għal "vjaġġ".

Il-punt 2.5.1.6, il-kliem "fil-pożizzjoni intermedjarja tas-sistema ta' suspensjoni" għandhom jiddaħħlu wara l-kelma "tagħbija".

Il-punt 2.5.1.7 jinbidel b'li ġej":

---